**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 107 tas-27 ta' Marzu 2023 dwar allegazzjoni ta' xhieda mhix veritiera mogħtija quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Fis-seduta ta' nhar it-Tnejn li għadda, 20 ta' Marzu 2023, waqt li l-Onor. David Agius kien qed jagħmel id-diskors tiegħu tiegħu dwar l-Abbozz ta' Liġi li jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi, għamel talba għal ruling mis-Sedja, u nikkwota:

> "**Onor: David Agius:**... f'dan id-diskors tiegħi qed ngħidlek, u qed inkun pro-pożittiv biex min qed jismagħna nifhem li l-Oppożizzjoni mhux biss tikkritika imma wkoll tersaq b'affarijiet konkreti, ħalli dak ix-xogħol li nagħmlu jħalli r-riżultati. Bħalma x-xogħol li nagħmlu aħna fil-PAC ukoll irid iħalli l-frott tiegħu. U m'għandna nħallu lil ħadd, lanqas fil-PAC, li ma jgħidx il-verità. Mr Speaker, se jkolli ndur lejk u nitolbok biex tara xi ntqal fil-Public Accounts Committee mix-xhud li tellajna quddiemna, l-Avukat Aron Mifsud Bonnici, fejn qal li dan ma kellu ebda kariga oħra ħlief li kien l-avukat tal-Ministeru tal-enerġija; li kien l-avukat partikolari u personali tal-Eks Ministru Konrad Mizzi, u għamel xi affarijiet dwar l-Electrogas, kien fil-bord, eċċ. Però nhar il-Ħamis - u nixtieqek tisma' dak li qal id-Deputat Adrian Delia – smajna li dan il-persuna kien ukoll u kellu x'jaqsam ukoll maċ-ċirkostanza tal-Vitals. Gideb! Gideb quddiem il-kumitat li tela' quddiemu b'ġurament biex jgħid il-verità u xejn inqas mill-verità. Mr Speaker, qed nitolbok biex tidħol fiha din u tagħti r-ruling tiegħek lill-Kamra. Ma jistgħux jiġu nies quddiem dan il-Parlament, quddiem dawn il-kumitati u jigdbu sfaċċatament. Ma jistax ikun li quddiem il-PAC jiġu nies u jinsew l-affarijiet, jinsew x'għamlu, u ma jiftakrux. Ir-ruling tiegħek huwa ċar, Mr Speaker.
>
> Għax mhux tgħid l-affarijiet, imbagħad niskopru li inti qiegħed ukoll maħtur f'affarijiet oħrajn tal-Gvern. B'kumbinazzjoni, fejn għandna l-iswed fuq dan il-pajjiż, il-Vitals, l-Electrogas, b'kumbinazzjoni dejjem insibu a common factor jiġri 'l hemm u 'l hawn. Għalhekk hija importanti l-kariga tiegħek, Mr Speaker, għalhekk importanti l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, għalhekk importanti l-Ombudsman, għalhekk importanti l-Awditur Ġenerali."

B'żieda ma' dan, l-għada l-Onor. David Agius għadda lis-Sedja dokument li taħt letterhead intestata Mark Burlò, Notary Public and Commissioner for Oaths u Mark Anthony Debono, Notary Public and Commissioner for Oaths jaqra:

> "Report: Minutes of the opening of the RFP bid submissions following the request for proposals pertaining to the services concession for the development, maintenance, management and operation of the site of St Luke's Hospital, Karin Grech Rehabilitation Hospital and Gozo General Hospital, reference PML/04/2015 (the "Project")
> Date: 19th May 2015
> Time: 11.15 a.m. to 12.45 p.m.
> Location: Projects Malta Limited"

Imbagħad hemm l-attendees:

> "Mr James Camenzuli (in his capacity as Chairman of the Evaluation Committee); Dr Aron Mifsud Bonnici (in his capacity as Secretary of the Evaluation Committee); Mr Robert Borg (in his capacity as member of the Evaluation Committee); Mr Manuel Castagna (in his capacity as member of the Evaluation Committee); Dr Marco Burlò

(in his capacity as Notary); Dr Mark Anthony Debono (in his capacity as notary); and Mrs Elaine Grech (in her capacity as a witness and a personal assistant of Dr Marco Burlò."

Imbagħad hemm:

"Minutes:11.15 a.m. – 11.45 a.m.: Dr Marco Burlò, Dr Mark Anthony Debono and Mrs Elaine Grech were invited into a private room at the location (the ..."

Id-dokument li ġie mgħoddi lis-Sedja jieqaf hemmhekk.

Is-Sedja rat ukoll dik il-parti tad-diskors tal-Onor. Adrian Delia fis-Seduta Parlamentari tal-Ħamis, 16 ta' Marzu 2023, li s-Sedja tifhem li għamel referenza għaliha l-Onor. Agius fit-talba tiegħu għar-ruling, u tikkwota:

"**ONOR. ADRIAN DELIA**: .... It-tieni: il-Malta Industrial Parks li llum tissejjaħ Indis. Il-Malta Industrial Parks li r-responsabilità tagħha kienet - kemm mil-liġi, kemm mill-istatut tagħha, kemm f'dawk li huma kuntratti li għamlet - li tħares il-propjetajiet tal-Gvern, biex tassigura li l-investiment li se jsir ikun qed jieħu benefiċċju minnu l-poplu. Il-Qorti sabet lill-Malta Industrial Parks responsabbli wkoll. Ma ssemmewx ħafna. Ma kenux parti diretta fil-kawża, imma biex wasalna li nagħtu din l-għotja lil Vitals kien hemm Evaluation and Adjudication Committee. Fir-rapport li jissejjaħ Procurement Evaluation Report jidher li kien hemm tliet persuni: iċ-Chairman James Camenzuli; Robert Borg, membru; u s-Sur Manuel Castagna, membru. Is-Sur Manuel Castagna tan-NexiaBT. Dawn in-nies li suppost qed jagħmlu l-analisi ... Insejt! Insejt insemmi min kien is-segretarju tal-bord. Taf min kien is-segretarju tal-bord? L-Avukat Aaron Mifsud Bonnici, li għadu kif xehed li ma kellu l-ebda kariga oħra, li kien - fil-PAC xehdu dan - is-Segretarju ta' dan il-Bord biex iħares l-interessi tal-Ministru tiegħu Konrad Mizzi. F'dak il-livell wasalna! F'dak il-livell wasalna! (Onor. Membri: Hear, hear)"

Kif ukoll mitlub mill-Onor. Agius fit-talba tiegħu għal ruling, is-Sedja rat xi ntqal fil-laqgħa numru 23 tat-8 ta' Marzu 2023 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, meta xehed Dr Aaron Mifsud Bonnici waqt li kien qed jirrispondi dwar liema karigi kellu f'entitajiet tal-Gvern, u tikkwota:

"**DR AARON MIFSUD BONNICI:** Iva, nikkonferma. Fil-fatt, it-taħrika li rċevejt kienet proprju fuq hekk biex nixhed llum bħala eks segretarju tal-Enemalta.

**IĊ-CHAIRPERSON:** U tikkonferma wkoll li inti kont isservi bejn is-snin 2013 u 2020 hux hekk?

**DR AARON MIFSUD BONNICI:** Korrett.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Kellek xi inkarigu ieħor li għandu x'jaqsam mal-Electrogas?

**DR AARON MIFSUD BONNICI:** Unikamaent bħala segretarju.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Kellek xi inkarigi oħrajn ma' entitajiet tal-Gvern li jaqgħu taħt l-istess portafoll tal-Ministru għall-Enerġija ta' dak iż-żmien Konrad Mizzi?

**DR AARON MIFSUD BONNICI:** Iva, kelli inkarigi imma mhux relatati mal-Electrogas.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Però, kienu jaqgħu taħt l-entitajiet tal-Enerġija?

**DR AARON MIFSUD BONNICI:** Iva, konessjonijiet mal-enerġija.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Tista' tispjega x'kienu?

**DR AARON MIFSUD BONNICI:** Biex inkun korrett ma' kulħadd, kif introduċejt inti, Sur President, il-professjoni tiegħi hija l-professjoni ta' avukat. Dak li għamilt jiena u naħseb għal dak li qed talludi għalih inti huwa f'dak ir-rwol u mhux fir-rwol …

**IĊ-CHAIRPERSON:** Jiġifieri taħt il-kappa tal-professjoni tiegħek ta' avukat.

**DR AARON MIFSUD BONNICI:** Iva. Però, jekk tistaqsini jekk kellix xi funzjoni taħt l-istess Ministeru li mhijiex ta' avukatura ngħidlek li iva għax kont ukoll segretarju taħt entitajiet oħra li qed nifhem li jaqgħu taħt l-istess Ministeru.

**IĊ-CHAIRPERSON:** tista' tispjega x'inhuma jekk jogħġbok?

**DR AARON MIFSUD BONNICI:** L-Arms, pereżempju, huwa wieħed minnhom.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hemm xi oħrajn? Però, dejjem qed ngħidu li m'għandhomx x'jaqsmu xejn mal-Electrogas.

**DR AARON MIFSUD BONNICI:** M'għandhom x'jaqsmu xejn mal-Electrogas."

Minn dan l-intervent is-Sedja tifhem li x-xhud fil-fatt ma qalx li:

> "ma kellu ebda kariga oħra ħlief li kien l-avukat tal-Ministeru tal-enerġija; li kien l-avukat partikolari u personali tal-Eks Ministru Konrad Mizzi, u għamel xi affarijiet dwar l-Electrogas"

iżda li kellu:

> "inkarigi oħrajn ma' entitajiet tal-Gvern li jaqgħu taħt l-istess portafoll tal-Ministru għall-Enerġija ta' dak iż-żmien".

Is-Sedja tinnota wkoll li fl-2015, li hija s-sena indikata fid-dokument li għaddielha l-Onor. Agius, il-qasam tal-istparijiet kien jaqa' taħt il-Ministeru tal-Enerġija u s-Saħħa.

Irrispettivament minn dan kollu, is-Sedja indagat dwar xi proċedura għandha tiġi applikata f'każ li ikun hemm allegazzjoni li xhud mhux qiegħed jgħid il-verità quddiem Kumitat tal-Kamra meta dan ikun ħa ġurament jew għamel dikjarazzjoni.

Is-Sedja tara li ma tistax tapplika l-linja gwida 16 tal-*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives* peress li din titkellem biss dwar meta xhud jagħżel li ma jweġibx, u nikkwota:

> "Guideline 16
>
> Subject to guideline 19 below, if a Witness, personally, or through his/her legal counsel, objects to a question asked by an individual Committee member, he/she is obliged to reply unless any one Member requests that the issue of admissibility be referred to the Speaker for his/her decision which decision shall bind the Committee.
>
> A witness who, subject to guideline 19 below, refuses to answer questions may be reported to the House."

Is-Sedja tara li l-linja gwida li tali sitwazzjoni l-aktar li tinkwadra taħtha hija l-linja gwida 5 li titkellem dwar il-ġurament jew dikjarazzjoni li jingħata kull xhud li jgħid is-sewwa, is-sewwa kollha u xejn ħlief is-sewwa u nikkwota:

> "7. An oath or affirmation taken or made by a witness or by an expert before the Committee shall for the purposes of the Criminal Code be comparable to an oath or affirmation taken or made before a court in civil matters."

Dan jirrifletti dak li jgħid l-Artikolu 9 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113) u nikkwota:

> **"9.** Ġurament jew affermazzjoni meħud jew magħmula minn xhud jew minn perit quddiem il-Kamra tad-Deputati jew Kumitat tal-Kamra, jitqiesu, għall-finijiet tal-Kodiċi Kriminali bħala ġurament jew affermazzjoni meħud jew magħmula quddiem qorti f'materji Ċivili."

Is-Sedja tixtieq tirrileva li qabel ma waslet għad-deċiżjoni tagħha, hija talbet parir legali dwar din il-materja sabiex il-Kamra, imma fuq kollox il-Kumitati li għandhom is-setgħa li jsejħu xhieda biex jidhru quddiemhom, ikollhom direzzjoni dwar il-proċedura applikabbli jekk jinqala' suspett ta' xhieda mhix veritiera quddiem kumitat.

Is-Sedja tara li huwa importanti li qabel ma l-Kumitat – u mhux Membru – jasal għal opinjoni dwar jekk ix-xhud, li jkun taħt il-ġurament, ikunx qed jgħid il-verità, il-Kumitat għandu dejjem jagħti l-opportunità lill-istess xhud biex jikkonferma jew jikkoreġi x-xhieda tiegħu. Dan isir billi wara li x-xhud jiġi pprovdut bit-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu, huwa jerġa' jintalab jidher quddiem il-Kumitat biex jew jikkonferma dak li jkun qal fl-intier tiegħu jew biex jikkoreġi x-xhieda tiegħu kollha jew xi parti minna. Ikun f'dak l-istadju fejn imbagħad il-Kumitat ikun jista' jasal għal opinjoni dwar jekk ix-xhieda kellhiex mis-sewwa jew le.

F'każ li l-Kumitat jara li x-xhud mhux qed jgħid is-sewwa, u li allura hemm il-possibiltà li ħa ġurament falz, il-Kumitat għandu żewġ proċeduri li jista' jagħżel:

Il-Kumitat jista' jirreferi l-każ lill-Kamra fejn is-Sedja tkun tista', *ai termini* tal-Ordinanza dwar is-Setgħat u l-Privileġġi tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, tara jekk hemmx *prima facie* każ ta' ksur kontra din l-Ordinanza, f'liema każ tirreferi l-materja lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi. Min-naħa tiegħu l-Kumitat għandu dawn il-poteri *ai termini* tal-artikolu 11(3) tal-Kap 113:

“(3) Il-Kumitat għandu, wara li jkun għamel dawk l-eżamijiet li jidhrulu xierqa u, meta jkun possibbli, wara li jkun sema’ lill-persuna li tkun allegatament qegħda twettaq l-attijiet, jagħmel rapport lill-Kamra fejn jirrakkomanda illi:

(*a*) il-Kamra tawtorizza lill-i*Speaker* sabiex jordna lill-pulizija eżekuttiva biex tressaq lill-persuna li tkun allegatament għamlet dawk l-attijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), li għandu jkollha ġurisdizzjoni skond hekk; u dik il-qorti ma għandux ikollha ġurisdizzjoni bħal dik sakemm ma tkunx saret ordni kif imsemmija mill-Ispeaker; jew

(*b*) il-Kamra tirrisolvi li għall-attijiet hekk magħmulin tkun tista’ adegwatament tingħata piena ta’ twiddiba, u f’dak il-każ dik il-persuna għandha titwiddeb mill-Ispeaker.”

Il-Kumitat jista’ jagħżel minflok li jirreferi l-materja direttament lill-Pulizija Eżekuttiva *ai termini* tal-Artikolu 9 tal-Kap. 113 u dan sabiex finalment tkun Qorti tal-Maġistrat li tiddeċiedi jekk fil-fatt xhud ikunx ħa ġurament falz jew affermazzjoni falza.

Ir-ruling huwa deċiż.